



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8724/21

LIMITE

TELECOM 202
COMPET 351
MI 342
DATAPROTECT 127
JAI 540
CODEC 692

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0340(COD)**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	8799/21 13351/20
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-governanza Ewropea tad-data (Att dwar il-Governanza tad-Data) - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

- Il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament dwar il-governanza Ewropea tad-data (Att dwar il-Governanza tad-Data, DGA) fil-25 ta' Novembru 2020¹. Din hija l-ewwel waħda minn sett ta' miżuri mħabbra mill-Kummissjoni fl-istrateġija Ewropea għad-data tal-2020².

¹ dok. 13351/20.

² [COM/2020/66 final](#).

2. L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 114 TFUE, huwa li trawwem id-disponibbiltà tad-data għall-użu billi żżid il-fiduċja fl-intermedjarji tad-data u billi ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' kondivizzjoni tad-data madwar l-UE. B'mod aktar speċifiku, l-istrument jindirizza s-sitwazzjonijiet li ġejjin: i) id-data tas-settur pubbliku ssir disponibbli għall-użu mill-ġdid, f'sitwazzjonijiet fejn tali data tkun soġġetta għad-drittijiet ta' oħrajn; ii) il-kondivizzjoni tad-data fost in-negozji tiġi ffaċilitata, bi hłas; iii) ikun possibbli li d-data personali tintuża bl-għajjnuna ta' "intermedjarju tal-kondivizzjoni tad-data personali", imfassal biex jgħin lill-individwi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR); u iv) l-użu tad-data jkun possibbli għal raġunijiet altruwisti.
3. Fil-Parlament Ewropew, il-proposta ġiet assenjata lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE). Ir-rapporteur għall-fajl hija Angelika Niebler (PPE, Ġermanja). Il-Kumitat ITRE għadu ma adottax ir-rapport tiegħu.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ġew mitluba jipprovdu l-opinjoni tagħhom dwar il-proposta fil-11 ta' Diċembru 2020 u fil-21 ta' Diċembru 2020, rispettivament. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' April 2021 u l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni mistennija tasal fit-tieni trimestru tal-2021.
5. Fl-10 ta' Marzu 2021 il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ħarġu opinjoni konġunta dwar il-proposta³.

³ [Opinjoni Konġunta tal-EDPB-EDPS 03/2021](#).

II. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

6. Fil-Kunsill, l-eżami tal-proposta sar mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Informazzjoni (minn hawn 'il quddiem: Grupp ta' Ħidma TELECOM). Il-Grupp ta' Ħidma TELECOM beda jiddiskuti l-proposta taħt il-Presidenza DE matul il-laqgħat tiegħu fit-30 ta' Novembru 2020 u fid-9 u l-15 ta' Diċembru 2020. Barra minn hekk, matul il-vidjokonferenza ministerjali informali tal-Ministri għat-telekomunikazzjoni fis-7 ta' Diċembru 2020, sar dibattitu ta' orjentazzjoni ddedikat dwar il-proposta, li matulu l-Ministri laqgħu l-inizjattiva u pprovdew direzzjoni politika għal aktar ħidma.
7. L-analiżi tal-proposta tkomplet fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM taħt il-Presidenza PT matul il-laqgħat li saru fil-5, il-21 u t-28 ta' Jannar 2021, l-4 u l-25 ta' Frar 2021, l-4 ta' Marzu 2021, it-13, is-16 u t-22 ta' April 2021, u l-11 ta' Mejju 2021. Il-Presidenza PT ipprovdiet ukoll lid-delegazzjonijiet b'żewġ dokumenti informali li jiċċaraw għadd ta' mistoqsijiet u dubji mqajma mid-delegazzjonijiet matul il-laqgħat u ppreżentati bil-miktub. Barra minn hekk, il-Presidenza PT organizzat żewġ workshops bil-parteċipazzjoni ta' partijiet ikkonċernati differenti mis-settur. Fl-14 ta' April 2021 sar l-ewwel workshop dwar is-suġġett ta' tipi ġodda ta' intermedjarji tad-data li jiffaċilitaw b'mod partikolari l-kondiviżjoni volontarja tad-data, li tikkorrispondi għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tar-regolament propost. It-tieni workshop sar fis-7 ta' Mejju 2021; Dan kien iddedikat għall-aspetti prattiċi tal-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' data protetta miżmuma pubblikament, li huma koperti mill-Kapitolu II tal-proposta. Kemm id-dokumenti informali kif ukoll il-workshops kienu apprezzati ħafna mid-delegazzjonijiet u ġew mfahhira talli pprovdew kjarifiki tant meħtieġa dwar kif jistgħu jaħdmu fil-prattika wħud mid-dispożizzjonijiet proposti.
8. Il-Presidenza PT ħarġet l-ewwel test ta' kompromess tagħha tar-regolament fit-22 ta' Frar 2021⁴. Id-dokument kien fih għadd limitat ta' bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni, li jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni u l-formulazzjoni ta' xi wħud mid-definizzjonijiet, u jipprovdu aktar ċarezza dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' data protetta miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku, kif ukoll id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-servizzi ta' kondiviżjoni tad-data u l-altruwiżmu mil-lat ta' data.

⁴ dok. 6297/21.

9. Fit-30 ta' Marzu 2021 il-Presidenza PT ħarġet it-tieni test ta' kompromess tagħha⁵, abbażi tal-kontribut mill-Istati Membri, u li jindirizza wkoll it-tħassib ewlieni inkluż fl-opinjoni konġunta tal-EDPB u l-EPDS dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Il-bidliet ewlenin fit-test kienu kif ġej:

- a) Fil-Kapitolu I il-Presidenza fittxet li tiċċara r-relazzjoni tad-DGA mal-GDPR u leġiżlazzjoni rilevanti oħra, b'delineazzjoni ċara magħmula addizzjonalment fit-test kollu bejn sitwazzjonijiet fejn hija kkonċernata data personali (li tappartjeni għal "suġġetti tad-data"), u sitwazzjonijiet fejn hija kkonċernata data mhux personali (data miżmuma minn "detenturi tad-data"). Barra minn hekk, żdiedet referenza għal-liġijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali biex tirrifletti l-fatt li tali liġijiet nazzjonali jistgħu jiġu adottati skont il-GDPR, u sar espliċitu li l-Att dwar il-Governanza tad-Data ma jgħallix bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' data personali.
- b) Fil-Kapitoli II u III ġiet pprovduta aktar ċarezza dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-implikazzjonijiet prattiċi ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar l-użu mill-ġdid tad-data tas-settur pubbliku u s-servizzi tal-kondiviżjoni tad-data.
- c) Fil-Kapitolu IV il-Presidenza inkludiet artikolu ġdid li jobbliga lill-Istati Membri jiddefinixxu l-politiki nazzjonali għall-altruwiżmu mil-lat ta' data u li jispeċifika r-rwol konsultattiv tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data f'dan ir-rigward.
- d) Fil-Kapitolu VIII saru xi bidliet biex jiġu ċċarati l-proċeduri applikabbli f'każijiet fejn id-detenturi tad-data jintalbu jikkonformaw ma' deċiżjoni ta' qorti jew ta' awtorità amministrattiva ta' pajjiż terz li tirrikjedi trasferimenti jew aċċess għal data mhux personali miżmuma fl-Unjoni.

⁵ dok. 7111/21.

10. Ir-reazzjonijiet tal-Istati Membri għat-tieni kompromess tal-Presidenza kienu fil-biċċa l-kbira pożittivi. Abbażi ta' dan ir-rispons, il-Presidenza identifikat il-kwistjonijiet li għejjin li għad iridu jiġu indirizzati:

- a) Fir-rigward tal-użu mill-ġdid tad-data protetta tas-settur pubbliku, jeħtieġ li tiġi ċċarata aktar ir-relazzjoni tad-DGA ma' leġislazzjoni oħra. Filwaqt li l-Presidenza introduċiet bosta bidliet li jiċċaraw ir-rabta bejn id-DGA u l-GDPR, għad fadal xi tħassib, pereżempju fir-rigward tal-interazzjoni bejn id-DGA u l-liġijiet nazzjonali dwar l-aċċess għad-dokumenti. Barra minn hekk, ċerti aspetti amministrattivi tal-forniment ta' data protetta tas-settur pubbliku, eż. l-iskadenzi għall-korpi tas-settur pubbliku biex iwieġbu għat-talbiet, ser ikollhom bżonn analiżi u rfinar ulterjuri.
- b) Id-definizzjoni u d-dispożizzjonijiet dwar il-fornituri ta' servizzi ta' kondivizzjoni tad-data jeħtieġu kjarifika ulterjuri. Jista' jiġi previst allinjament possibbli mad-definizzjonijiet u t-terminoloġija diġà stabbilita minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, bħall-OECD (eż. "intermedjarji tad-data" minflok "servizzi ta' kondivizzjoni tad-data"), u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet ser jirrikjedi xi rfinar, b'mod partikolari li jiċċara b'mod preċiż liema entitajiet huma koperti mill-proposta u liema mhumiex. Dan huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tad-DGA japplikaw għall-atturi rilevanti kollha.
- c) Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-politiki nazzjonali dwar l-altruwiżmu mil-lat ta' data jeħtieġu aktar riflessjoni. B'mod partikolari, ser ikun meħtieġ li jiġi żgurat li d-DGA ma joħloqx obbligu iebes ġdid għall-Istati Membri biex jiżviluppaw politiki nazzjonali sħaħ dwar l-altruwiżmu mil-lat ta' data, filwaqt li fl-istess ħin tkun prevista l-possibbiltà li jsiru arranġamenti organizzattivi u/jew tekniċi meħtieġa biex jiffaċilitaw l-altruwiżmu mil-lat ta' -data fil-livell nazzjonali.

- d) In-natura, l-istruttura u l-kompiti eżatti tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data ser jeħtieġu aktar diskussjoni. Jista' jkun meħtieġ li tiġi prevista struttura aktar effettiva u dettaljata tal-Bord li biha parti waħda tkun tikkonsisti minn awtoritajiet kompetenti mill-Istati Membri li jiskambjaw informazzjoni dwar l-infurzar tad-DGA, filwaqt li parti oħra tkun tikkonsisti minn partijiet ikkonċernati li jipprovdu gwida, pariri u inputs fl-iżvilupp tal-ekonomija Ewropea tad-data, b' mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni transettorjali u l-interoperabbiltà.
- e) Fl-aħħar nett, għad hemm xi mistoqsijiet miftuħa dwar id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess internazzjonali u t-trasferiment tad-data fl-Artikoli 5 u 30 tad-DGA, li ser jeħtieġu aktar diskussjoni u analiżi.

11. Fid-19 ta' Mejju 2021 il-Presidenza ħarġet it-tielet test ta' kompromess tagħha⁶, li jindirizza kemm it-tħassib identifikat hawn fuq kif ukoll kwistjonijiet oħra mqajma mid-delegazzjonijiet fil-kummenti bil-miktub tagħhom. Il-kompromess ġie ppreżentat fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM fl-20 ta' Mejju 2021, u nbdeu id-diskussjonijiet dwar il-premessi u l-ewwel żewġ kapitoli.
12. Il-Presidenza biħsiebha tkompli l-ħidma fuq id-DGA sal-aħħar tat-terminu tagħha.

III. KONKLUŻJONI

Il-COREPER huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress mill-Presidenza, bil-ħsieb li jippreżentah lill-Kunsill TTE Telekomunikazzjoni fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Ġunju 2021.

⁶ dok. 8894/21.